KONLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
MENGOZZI
ippreżentati fil-15 ta' Marzu 2007 [1]

I — Introduzzjoni

1. Bis-sentenza tat-13 ta' Settembru 2005, Hosman-Chevalier vs Il-Kummissjoni [2] (aktar 'il quddiem "sentenza kkontestata"), il-Qorti tal-Prim'Istanza (aktar 'il quddiem "Qorti tal-Prim'Istanza"), billi laqgħet parzjalment ir-rikors mressaq mis-Sinjura Hosman-Chevalier, annullat id-deċiżjonijiet tat-8 ta' April u tad-29 ta' Ottubru 2003, li bihom il-Kummissjoni tal-Komunità Ewropea ċaħdet lir-rikorrenti l-benefiċċju ta' espatrijazzjoni u ta' installazzjoni li jinsabu rispettivament fl-Artikoli 4(1)(a) u l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 5(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej, fil-verżjonijiet fis-seħħ meta seħħew il-fatti in kwistjoni (aktar 'il quddiem: ir-"Regolamenti").

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja, f'din il-kawża, hija msejħa tiddeċiedi fuq l-appell ippreżentat mill-Kummissjoni kontra din is-sentenza.

1 — Lingwa oriġinali: it-Taljan.

2 — T-72/04, Ġabra p. II-3256.

II — Il-kuntest leġiżlattiv ta' riferiment

3. Skond l-Artikolu 69 tar-Regolamenti, il-benefiċċju ta' espatrijazzjoni huwa 16 % tat-total tas-salarju bażiku u ta' l-allowance tal-familja kif ukoll ta' l-allowance tat-tfal dipendenti li għalihom ikun intitolat l-uffiċjal.

4. Skond l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti dan il-benefiċċju huwa mogħti:

"a) lill-uffiċjali:

— li m'humiex u qatt ma kienu ċittadini ta' l-Istat li fih [fit-] territorju tiegħu qiegħed il-post fejn huma impjegati,

— li matul il-ħames snin li jispiċċaw sitt xhur qabel daħlu fis-servizz ma kienux jgħixu jew iwettqu l-okkupazzjoni ewlenija tagħhom ġewwa t-territorju Ewropej ta' dak l-Istat. Għall-iskopijiet ta' din id-dispożizzjoni, iċ-ċirkustanzi li jinħolqu minn xogħol li sar fi Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali ma jkunux ikkunsidrati".

III — Il-fatti

5. Skond il-fatti kif stabbiliti mill-Qorti tal-Prim'Istanza, S. Hosman-Chevalier (aktar 'il quddiem il-"kontroparti"), ċittadina Awstrijaka, studjat u ħadmet fl-Awstrija sa l-14 ta' Mejju 1995. Mill-15 ta' Mejju 1995 sas-17 ta' Marzu 1996, hija ħadmet fil-Belġju għall-Verbindungsbüro tal-Länder tat-Tirol (l-uffiċċju ta' kuntatt tal-Länder tat-Tirol), li jinsab fi Brussell.

6. Mit-18 ta' Marzu 1996 sal-15 ta' Novembru 2002, il-kontroparti kienet parti mill-persunal tar-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija fl-Unjoni Ewropea fi Brussell (aktar 'il quddiem: ir-"RPA"). F'dan iż-żmien, hija eżerċitat l-attività tagħha, l-ewwel, għall-Verbindungstelle der Bundesländer (l-uffiċċju ta' kuntatt tal-Länder; iktar 'il quddiem il-"VB"); u wara, għall-Österreichischer Gewerkschaftsbund (iktar 'il quddiem l-"ÖGB"), il-Federazzjoni tas-sindakati Awstrijaċi (iktar 'il quddiem l-"ÖGB").

7. Fis-16 ta' Novembru 2002, il-kontroparti daħlet fil-kariga tagħha mal-Kummissjoni bħala uffiċjal. Il-perijodu ta' ħames snin imsemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, fir-rigward tal-benefiċċju tal-pagament ta' espatrijazzjoni, imsejjaħ il-"perijodu ta' riferiment", ġie ffissat bejn is-16 ta' Mejju 1997 u l-15 ta' Mejju 2002.

8. B'nota tat-8 ta' April 2003, il-kontroparti ġiet informata mid-Direttorat Ġenerali "Persunal u Amministrazzjoni" tal-Kummissjoni li l-benefiċċju ta' espatrijazzjoni ma setax jingħatalha, peress li ma kienx hemm il-kundizzjonijiet biex jingħata.

B'deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru 2003 l-Awtorità tal-Ħatra ċaħdet it-talba mressqa mill-kontroparti kontra d-deċiżjoni kkontestata msemmija fin-nota tat-8 ta' April 2003. Iċ-ċaħda hija bbażata fuq il-motiv li l-attività professjonali eżerċitata mill-kontroparti fi Brussell waqt il-perijodu ta' riferiment ma tistax titqies li hija "xogħol li sar fi Stat ieħor" skond l-Artikolu 4(1)(a), ta' l-Anness VII tar-Regolamenti.

IV — Il-proċediment quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza kkontestata

9. B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-20 ta' Frar 2004, il-kontroparti ppreżentat, kontra d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba fid-29 ta' Ottubru 2003, rikors intiż li jikseb l-annullament ta' l-istess u l-kundanna tal-Kummissjoni għal-ispejjeż.

10. B'sentenza tat-13 ta' Settembru 2005, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat parzjalment fondat ir-rikors u annullat id-deċiżjoni kkontestata kif ukoll id-deċiżjoni tat-8 ta' April 2003, peress li t-talbiet tar-rikorrenti kellhom ikunu intiżi wkoll għall-annullament ta' dan l-att [3].

11. Is-sentenza kienet ibbażata fuq it-tieni motiv ta' annullament, dwar il-ksur ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti [4] u hija maqsuma fis-siltiet li ġejjin.

12. Preliminarjament, peress li tfakkar ir-*ratio legis* li jirregola s-sistema prevista mill-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti [5], il-Qorti tal-Prim'Istanza tippreċiża li l-kunċett ta' Stat li joħroġ, għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni li hemm fittieni inċiż, *in fine*, ta' din id-dispożizzjoni "ikopri biss l-Istat bħala persuna legali u bħala suġġett komuni ta' dritt internazzjonali u organizzazzjonijiet tiegħu" [6].

13. Il-Qorti tal-Prim'Istanza wara eżaminat jekk is-servizzi li r-rikorrenti tat fil-kuntest tar-RPA waqt il-perijodu ta' riferiment għandhomx jitqiesu li huma servizzi mwettqa għal Stat skond l-imsemmija dispożizzjoni.

14. Fil-punt 30 tas-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza tiddikjara li "mhuwiex ikkuntestat li s-servizzi pprovduti għall-organizzazzjonijiet, bħar-rappreżentanza permanenti ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea jew l-ambaxxati ta' Stat jitqiesu li huma servizzi mwettqa fis-sens ta' l-Artikolu 4 [(1)(a)] ta' l-Anness VII tar-Regolamenti".

15. Fil-punti 31 sa 36, il-Qorti tal-Prim'Istanza, billi bbażat ruħha fuq diversi elementi fl-inkartament, aċċertat li waqt il-perijodu kollu ta' riferiment ir-rikorrenti kienet impjegata tar-RPA, li kienet suġġetta għall-ġerarkija permanenti tar-Rappreżentanza

3 — Sentenza kkontestata, punt 1 tad-dispożittiv.

4 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbilixxiet li m'hemmx għalfejn tiddeċiedi fuq iż-żewġ motivi l-oħra mressqa mill-kontroparti, li jirrigwardaw żball ta' evalwazzjoni tal-fatti u ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali.

5 — Sentenza kkontestata, punti 27 u 28

6 — *Ibid*, punt 29.

Permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija, u li hija kellha l-istess status ta' l-impjegati l-oħra fis-servizz ta' l-istess rappreżentanza. Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Qorti tal-Prim'Istanza waslet għall-konklużjoni li servizzi mogħtija mill-kontroparti lir-RPA waqt il-perijodu ta' riferiment għandhom jitqiesu li huma servizzi mogħtija mir-Repubblika ta' l-Awstrija.

16. Fil-punti 37 sa 41, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet l-argumenti fis-sens oppost imressqa mill-Kummissjoni, ibbażati fuq il-konstatazzjoni li, fi ħdan ir-RPA, il-kontroparti kienet ħadmet għal organizzazzjonijiet li kellhom għanijiet ta' ħarsien ta' interessi differenti minn dawk ta' l-Istat. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Prim'Istanza wieġbet li l-eżiġenza ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju kif ukoll il-prinċipju ta' ugwaljanza jipprekludu l-possibbiltà li tirreferi ghad-dritt intern ta' Stat Membru sabiex tinterpreta dispożizzjoni ta' dritt Komunitarju, ħlief fl-ipoteżi li dan ir-riferiment ikun previst espressament mill-imsemmija dispożizzjoni jew fi kliem ieħor meta interpretazzjoni awtonoma ta' l-istess ma jkunx possibbli. F'din il-kawża, skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, dan ir-riferiment mhuwiex meħtieġ peress li ma jistax jiġi kkontestat li r-rappreżentanza permanenti għall-Unjoni Ewropea ta' Stat Membru tifforma parti mill-organizzazzjonijiet ta' l-Istat fis-sens ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti [7].

17. Fil-punt 42, il-Qorti tal-Prim'Istanza stqarret li "huwa biżżejjed li persuna teżerċita l-attività professjonali tagħha għal organizzazzjoni li tagħmel parti mill-Istat fis-sens imsemmi, bħal rappreżentanza permanenti, sabiex hija tkun kollha kemm hi inkluża fleċċezzjoni pprovduta fl-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, indipendentement mill-funzjonijiet partikolari u speċifiċi eżerċitati minnha ġewwa l-imsemmija organizzazzjoni". Il-Qorti tal-Prim'Istanza tkompli tippreċiża li kieku kien mod ieħor "kien ikun hemm lok li wieħed iwettaq analiżi dettaljata tax-xogħol imwettaq u l-funzjonijiet eżerċitati mill-perspettiva tad-dritt intern, fatt li jmur kontra l-eżiġenzi fuq imsemmija" fid-dawl, b'mod partikolari, li "huwa esklużivament kull Stat Membru li għandu jorganizza d-dipartimenti tiegħu kif iqis li huwa l-iktar konvenjenti u li jistabbilixxi b'hekk l-għanijiet u l-funzjonijiet li huwa jassenja lill-uffiċjali u l-ħaddiema tiegħu".

18. Abbażi ta' dawn il-motivazzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li l-Kummissjoni kienet ċaħdet bi żball li tinnewtralizza l-perijodu li fih il-kontroparti kienet ħadmet għar-RPA, billi eskludietha b'mod illeġittimu mill-benefiċċju ta' espatrijazzjoni li jinsab fl-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti u mill-benefiċċju ta' installazzjoni, marbut miegħu, previst mill-Artikolu 5(1) ta' l-istess anness. Hija annullat għalhekk id-deċiżjonijiet kkontestati safejn ċaħdu lill-kontroparti l-imsemmija benefiċċji [8].

7 — *Ibid*, punt 40.

8 — Sentenza kkontestata, punti 42 sa 47 u 51, u l-punt 1 tad-dispożittiv. Ir-rikors iżda ġie miċħud fil-parti fejn jirreferi għan-nuqqas ta' assenjazzjoni ta' l-indenizz ta' kuljum li kienet ukoll ikkontestata mill-kontroparti (ara l-punt 52 u l-punt 2 tad-dispożittiv).

V — Il-proċediment quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

19. B'att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Novembru 2005, il-Kummissjoni titlob ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza.

20. Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza kkontestata u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza;

— tordna lill-kontroparti tbati l-ispejjeż.

21. Il-kontroparti titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja togħġobha:

— tiċħad l-appell bħala manifestament inammissibbli jew, sussidjarjament, infondat;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż.

VI — L-analiżi ġuridika

A — *Fuq l-ammissibbiltà*

22. Prinċipalment, il-kontroparti tikkontesta l-ammissibbiltà tar-rikors, peress li jibbaża ruħu fuq il-premessa li dan huwa intiż, finalment, li jinkiseb, mill-Qorti tal-Ġustizzja rieżami tal-fatti li diġà ġew evalwati mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza kkontestata.

23. Il-kritika ta' inammissibbiltà hija, fil-fehma tiegħi, żbaljata. Kuntrarjament għal dak sostnut mill-kontroparti, ir-rikors huwa bbażat fuq motiv ta' dritt, li jirrigwarda l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni żbaljata mill-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-Artikolu 4 (1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti.

B — *Fuq il-mertu*

1. L-argumenti tal-partijiet

24. In sostenn tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tressaq motiv wieħed ibbażat fuq żball fid-dritt fl-interpretazzjoni tal-kundiz-

zjoni dwar "ċirkustanzi li jinħolqu minn xogħol li sar fi Stat ieħor" li hemm fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti.

25. Skond il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbilixxiet bi żball li huwa biżżejjed, sabiex din il-kundizzjoni tiġi sodisfatta, li l-persuna li jkollha d-dmir li twettaq is-servizzi tiġi integrata fil-kuntest funzjonali u/jew organizzattiv ta' organizzazzjoni ta' l-Istat, bħal rappreżentanza permanenti għall-Unjoni Ewropea (aktar 'il quddiem ir-"RP"). Din il-pożizzjoni għandha tirriżulta impliċitament iżda neċessarjament mill-punti 31 sa 36 tal-motivazzjoni tas-sentenza kkontestata u għandha tiġi kkonfermata fil-punt 42 ta' wara.

26. Il-Kummissjoni iżda tqis li l-kundizzjoni in eżami teżiġi l-prova li hemm rabta ġuridika bejn l-impjegat u l-Istat li ma jistax ikun ikkostitwit biss mill-element ta' integrazzjoni funzjonali/organizzattiv f'organu ta' l-Istat.

27. Sabiex issaħħaħ it-teżi tagħha, il-Kummissjoni ssostni, fl-ewwel lok, li r-*ratio legis* stess tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, kif spjegat mill-imħallef Komunitarju, tippreżupponi li l-impjegat li l-pożizzjoni tiegħu tiġi evalwata skond id-dispożizzjoni msemmija jkun, waqt il-perijodu ta' riferiment, marbut ma' l-Istat li jirrigwardah b'relazzjoni regolamentari jew kuntrattwali.

28. Hija tirrileva, fit-tieni lok, li d-dispożizzjoni in eżami tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-kundizzjonijiet għall-għoti tal-benefiċċju ta' espatrijazzjoni u, għalhekk, għandha tkun oġġett ta' interpretazzjoni restrittiva.

29. Fit-tielet lok, il-Kummissjoni ssostni li l-intepretazzjoni tad-dispożizzjoni in kwistjoni milqugħa fis-sentenza kkontestata titbiegħed kemm mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar il-kundizzjoni marbuta ma' "xogħol li sar fi Stat ieħor" kif ukoll minn dik li applikat il-kundizzjoni alternattiva li tikkonċerna x-"xogħol li sar għal organizzazzjoni internazzjonali". Dwar dak li jikkonċerna d-deċiżjonijiet li ngħataw fil-kuntest li ġie ċċitat l-aħħar, il-Kummissjoni tirreferi b'mod partikolari għas-sentenzi Nevin vs Il-Kummissjoni [9] u Lo Giudice vs Il-Parlament [10] li fihom il-Qorti tal-Prim'Istanza eskludiet li jeżistu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti b'riferiment għal xogħol li sar għal organizzazzjoni internazzjoni meta ma hemmx relazzjoni kuntrattwali, li hija kkostitwita minn rabta ġuridika diretta, bejn l-impjegat u l-istituzzjoni li għaliha sar ix-xogħol. Il-Kummissjoni ssostni li l-evalwazzjoni dwar jekk hemmx din l-ipoteżi jew

9 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Settembru 2002 (T-127/00, GabraFP, p. IA-149 u II-781, punt 51).

10 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Marzu 1995 (T-43/93, GabraFP, p. I-A-57 u II-189, punt 36).

ipoteżi oħra li favur tagħhom ġiet stabbilita s-sistema ta' regoli prevista mid-dispożizzjoni in eżami (xogħol li sar fi Stat Membru ieħor u xogħol li sar għal organizzazzjoni internazzjonali) għandha ssir, sabiex ma jkunx hemm inkoerenza fis-sistema, abbażi ta' kriterji interpretattivi omoġenji.

30. Il-Kummissjoni tikkonkludi li, fis-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza naqset, bi ksur tad-dritt Komunitarju, tivverifika jekk hemmx rabta ġuridika diretta bejn il-kontroparti u r-Repubblika ta' l-Awstrija, kundizzjoni li mhijiex sodisfatta f'din il-kawża peress li, waqt il-perijodu ta' riferiment, il-kontroparti kienet impjegata l-ewwel ma' l-VB u wara ma' l-OGB.

31. Il-kontroparti tikkontesta, għaliex nieqsa minn kull bażi, l-argumentazzjonijiet kollha mressqa mill-Kummissjoni u ssostni li d-deċiżjoni kkontestata hija eżenti mill-vizzji msemmija mill-Kummissjoni.

2. Evalwazzjoni

a) Osservazzjonijiet preliminari

32. Sabiex jiġi inkwadrat sewwa s-suġġett ta' din il-kawża, għandu jiġi rrilevat, b'mod preliminari, li, għalkemm is-sentenza kkontestata għandha definizzjoni tal-kunċett ta' Stat li hemm fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti [11], ir-raġunament li wassal lill-Qorti tal-Prim'Istanza tannulla d-deċiżjonijiet kontroversi, kif jirriżulta b'mod partikolari mill-punti 31 sa 36 u 42 tal-motivazzjoni, irrenda superfiċjali t-teħid ta' pożizzjoni tiegħu dwar ir-rabta ma dan il-kunċett ta' l-organizzazzjonijiet li direttament taħthom il-kontroparti wettqet l-attività professjonali tagħha waqt il-perijodu ta' riferiment.

33. Għalhekk la l-motiv imsemmi mill-Kummissjoni sabiex issostni r-rikors tagħha, intiż li jikkontesta l-validità tal-motivi li abbażi tagħhom il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li hemm, hi x'inhi n-natura ta' l-imsemmija organizzazzjonijiet, konnessjoni bejn il-kontroparti u r-Repubblika ta' l-Awstrija mitluba sabiex tapplika d-dispożizzjoni in eżami, u lanqas l-argumenti mressqa mill-kontroparti, limitati għall-kontestazzjoni ta' l-allegazzjonijiet tal-kontroparti, jirrigwardaw id-definizzjoni tal-kunċett ta' Stat milqugħ fis-sentenza kkontestata.

34. Il-korrettezza jew le ta' din id-definizzjoni tibqa' għalhekk eskluża mis-suġġett in

11 — Jitfakkar li, fil-punt 29 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat li "il-kunċett ta' Stat previst f'dan l-Artikolu jkopri biss l-Istat bħala persuna legali u bħala suġġett komuni ta' dritt internazzjonali u organizzazzjonijiet tiegħu". Fil-punt 40, il-Qorti tal-Prim'Istanza tippreċiża li dan il-kunċett għandu, safejn ikun possibbli, jiġi intepretat awtonomament fir-rigward tad-dritt ta' l-Istati Membri.

kwistjoni u din il-kawża, almenu fid-dawl ta' stħarriġ sempliċi ta' leġittimità tas-sentenza kkontestata [12], ma teħtieġx deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward.

35. Għalkemm tirrigwarda l-istess dispożizzjoni statutorja, din il-kawża tqajjem għalhekk kwistjoni interpretattiva diversa minn dik li hija suġġett tal-kawżi C-7/06 P, Salvador García vs Il-Kummissjoni, C-8/06 P, Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni, C-9/06 P, Salazar Brier vs Il-Kummissjoni, C-10/06 P, De Bustamante Tello vs Il-Kunsill u C-211/06 P, Adam vs Il-Kummissjoni, attwalment pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

36. F'dawn il-kawżi, ir-rikorrenti, impjegati li lilhom ġie miċħud il-benefiċċju ta' espatrijazzjoni, qabel ma daħlu fis-servizz tal-Komunità kienu ħadmu fi Brussell fl-impjieg ta' organizzazzjonijiet responsabbli għall-ħarsien ta' l-interessi ta' entitajiet territorjali infrastatali [13]. F'ebda waħda mill-każijiet imsemmija r-rikorrenti kellhom relazzjonijiet mar-rappreżentanza permanenti ta' l-Istati li magħhom l-entijiet in kwistjoni kienu jappartjenu illi jista' jitqies li jixbah dawk tal-kontroparti mar-RPA f'din il-kawża. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija għalhekk imsejħa tiddeċiedi, fil-kuntest tal-kawżi msemmija aktar 'il fuq, fuq il-kunċett ta' Stat skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, sabiex tiġi eżaminata l-konnessjoni ta' dan il-kunċett ta' l-isemmija entitajiet.

37. Din il-kawża għandha iżda bħala suġġett il-kwistjoni differenti tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġi sodisfatti sabiex ikun jista' jiġi stabbilit li l-attività mwettqa mill-impjegat li tiegħu għandu jiġi żgurat id-dritt għal benefiċċju ta' espatrijazzjoni tinkludi "ċirkustanzi li jirriżulta minn xogħol li sar fi Stat Membru ieħor" li jista' "jinnewtralizza" l-perijodi relattivi previsti mit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tistabbilixxi jekk hijiex suffiċjenti għal dan il-għan iċ-ċirkustanza illi s-servizzi mogħtija minn persuna mdaħħla fil-kuntest funzjonali u organizzattiv ta' organu ta' l-Istat, indipendentement mill-kwistjoni tal-konnessjoni tal-kunċett ta' Stat skond id-dispożizzjoni in eżami ta' l-organizzazzjonijiet li gawdew direttament minn dawn l-imsemmija servizzi.

38. Meta jiġi ċċarat dan, għandhom jiġu eżaminati malajr il-prinċipji stabbiliti mill-ġurisprudenza fil-mertu dwar l-interpretaz-

12 — Abbażi tal-motivi li nispjega wara, ma nikkunsidrax li dan ir-rikors għandu jintlaqa', u għalhekk hemm l-għażla għall-Qorti tal-Ġustizzja ta' deċiżjoni eventwali definittiva fuq il-mertu tal-kawża.

13 — Dawn huma diversi Komunitajiet awtonomi Spanjoli u Land, fil-każ tar-rikorrenti fil-kawża Adam vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq.

zjoni tal-kunċett ta' "ċirkustanzi li jirriżultaw minn xogħol li sar fi Stat Membru ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali".

39. Jekk id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-suġġett huma sporadiċi, teżisti iżda ġurisprudenza abbondanti, għalkemm mhux dejjem univoka, tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li naħseb li madankollu huwa opportun li nfakkar peress illi l-Kummissjoni kkritikat fost l-oħrajn l-Imħallef ta' l-ewwel istanza li kien tbiegħed fis-sentenza kkontestata mill-ġurisprudenza preċedenti. Id-deċiżjonijiet li ser insemmi 'il quddiem jagħtu elementi utli sabiex tiġi individwata (i) in-natura u r-*ratio legis* tan-norma tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4 (1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, kif ukoll (ii) jiġu ddefiniti l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tagħha.

b) Analiżi tal-ġurisprudenza

i) Fuq in-natura u fuq ir-*ratio legis* tan-norma li hemm fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4 (1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti.

40. Diġà ssemma li fl-interpetazzjoni tad-dispożizzjoni in eżami l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza adottat soluzzjonijiet mhux dejjem uniformi. Dan jgħodd b'mod partikolari għal dak li jikkonċerna l-kwalifika tan-norma li hija għandha.

41. Fis-sentenza Vardakas vs Il-Kummissjoni [14], ibbażata fuq interpretazzjoni ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti li ma nsibx fil-fehma tiegħi konferma effettiva fit-test, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat li d-dispożizzjoni fit-tieni inċiż, *in fine*, tikkostitwixxi *eċċezzjoni għall-eċċezzjoni* li, kif inhi, għandha tiġi interpretata *b'mod wiesa'* [15]. Fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza, qabblet id-dispożizzjonijiet li hemm fis-subparagrafi a) u b) ta' l-Artikolu 4 (1), ta' l-Anness VII [16], u waslet għall-konklużjoni li l-espressjoni "ċirkustanzi li jirriżultaw minn xogħol li sar fi Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali", li tidher fis-subparagrafu a), "[għandha] tifsira aktar wiesgħa" mqabbla ma' l-espressjoni "eżerċizzju ta' funzjonijiet ta' organizzazzjoni internazzjonali", imsemmija fis-subparagrafu (b), u li, għalhekk, "dawk li kitbu r-regolamenti użaw espressjoni wiesgħa meta kienet

14 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Marzu 1993, (T-4/92, Ġabra p. II-357).

15 — Ara l-punt 34. Il-Qorti tal-Prim'Istanza waslet għal din il-konklużjoni wara li rrilevat li d-dispożizzjoni in eżami hija dispożizzjoni li għandha tliet livelli: ir-*regola*, li abbażi tagħha l-benefiċċju ta' espatrijazzjoni għandhom jieħduh l-impjegati li m'għandhomx u qatt ma kellhom in-nazzjonalità ta' l-Istat fejn għandha l-bażi tagħha l-istituzzjoni li minnha jkunu ġew impjegati (l-ewwel inċiż); l-*eċċezzjoni*, li biha dan il-benefiċċju ma jieħdux l-impjegat li waqt il-perjodu ta' riferiment kien residenti abitwalment jew ħadem fit-territorju ta' dan it-territorju ta' dan l-Istat (it-tieni subinċiż), u d-*deroga għall-eċċezzjoni*, li tippermetti n-newtralizzazzjoni tas-sitwazzjonijiet li jirriżultaw minn servizzi mogħtija minn Stat Membru ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali (it-tieni inċiż, *in fine*).

16 — Skond l-Artikolu 4(1)(b) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, il-benefiċċju ta' espatrijazzjoni jingħata "għall-uffiċjali li huma jew kienu ċittadini ta' l-Istat li fit-territorju jinsab il-post fejn huma impjegati iżda li matul l-għaxar snin li jispiċċaw fid-data ta' meta daħlu fis-servizz jgħixu barra t-territorju Ewropew ta' dak l-Istat għal raġunijiet minbarra l-qadi tad-dmirijiet fis-servizz ta' Stat jew ta' organizzazzjoni internazzjonali."

tittratta l-għoti ta' benefiċċju ta' espatrijazzjoni lill-impjegati u, viċiversa, termini restrittivi meta kienet tittratta li ma jieħdux dan il-benefiċċju" [17]. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet "l-intenzjoni tal-leġiżlatur [...] li jagħti b'mod wiesgħa l-benefiċċju ta' espatrijazzjoni" [18].

42. Bil-kontra, fis-sentenza Olesen vs Il-Kummissjoni [19], il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, bħala "eċċezzjoni għal-kundizzjonijiet ta' għoti tal-benefiċċju ta' espatrijazzjoni" [20], għandu jkun suġġett ta' interpretazzjoni *restrittiva* [21]. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza ppreċiżat ukoll li interpretazzjoni restrittiva ta' din id-dispożizzjoni għandha ssir ukoll minħabba l-fatt li għandha bħala suġġett l-għoti ta' vantaġġi finanzjarji [22].

43. Għandi ngħid li l-ebda waħda minn dawn il-metodi ma jikkonvinċini għal kollox.

44. Ma naqbilx ma' l-interpretazzjoni mogħtija mis-sentenza Vardakas vs Il-Kummissjoni li, fl-opinjoni tiegħi, ma taqbilx ma' dak li hemm fit-test ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, li minnu jirriżulta li l-ewwel u t-tieni inċiżi ta' din id-dispożizzjoni għandhom normi li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet (it-tnejn negattivi) li għandhom jiġu sodisfatti flimkien sabiex ikun hemm dritt għall-benefiċċju ta' espatrijazzjoni skond l-istess dispożizzjoni, filwaqt li xejn ma jippermetti li jiġi konkluż li bejn dawn in-normi hemm konnessjoni tar-regola ma' l-eċċezzjoni [23].

45. Madankollu lanqas ma jidhirli li hija konvinċenti l-interpretazzjoni magħmula fis-sentenza Olesen vs Il-Kummissjoni. .

46. Fil-fatt, nistaqsi jekk id-dispożizzjoni li l-interpretazzjoni tagħha hija diskussa tistax effettivament titqies li hija "eċċezzjoni għall-kundizzjonijiet ta' għoti tal-benefiċċju ta' espatrijazzjoni". L-ewwel nett, jirriżulta kemm mill-kollokazzjoni testwali tiegħu kif ukoll mit-termini "għall-iskopijiet ta' din id-dispożizzjoni", li hemm fil-bidu ta' din id-dispożizzjoni, li din tirreferi *biss* għall-kundizzjoni msemmija fit-tieni subinċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), ta' l-Anness VII tar-Regolamenti jiġifieri "ma kienux jgħixu jew

17 — Punt 36.

18 — Punt 37.

19 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, 30 ta' Ġunju 2005 (T-190/03, ĠabraFP p. I-A-181 u II-805).

20 — Punt 47. Il-korsiv huwa tiegħi.

21 — F'dan is-sens diġa' esprima ruħa'u l-Avukat Ġenerali Darmon fil-konklu1użjonijiet ippreżentati fil-kawża tat-2 ta' Mejju 1985, De Angelis vs Il-Kummissjoni (246/83, Ġabra p. 1253). Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tikkwalifika spiss id-dispożizzjoni in eżami bħala "deroga".

22 — Punt 48.

23 — Fi kliem ieħor, fil-fehma tiegħi, il-preżuppost għall-għoti tal-benefiċċju ta' espatrijazzjoni mhuwiex il-fatt li ma jkollux ċittadinanza ta' l-Istat fejn iwettaq ix-xogħol iżda pjuttost sitwazzjoni ta' "espatrijazzjoni" effettiva ta' l-uffiċjal meta jidħol fis-servizz. Din l-interpetazzjoni tidher li hija wkoll ikkonfermata fl-Artikolu 4(1)(b) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, li jipprevedi li anki l-impjegat li għandu ċittadinanza ta' l-Istat fejn isir ix-xogħol fejn huma impjegat jista', f'ċerti ċirkustanzi, igawdi mill-benefiċċju ta' espatrijazzjoni.

iwettqu l-okkupazzjoni tagħhom ġewwa t-territorju ta' dak l-Istat" waqt il-perijodu ta' riferiment. Fit-tieni lok, jidhirli li hija tipprevedi *kriterju applikattiv* tan-norma li hemm qabel aktar milli ddaħħal eċċezzjoni jew deroga għall-istess [24]. F'kull każ, jekk jista' jkun hemm deroga din tikkonċerna biss il-metodu ta' kalkolu tal-perijodu ta' riferiment sabiex tiġi applikata din in-norma u mhux il-kundizzjoni minnha stess stabbilita, peress li din il-kundizzjoni għandha xorta waħda tkun sodisfatta anki minn dawk li, għax ikunu wettqu xogħol għal Stat jew organizzazzjoni internazzjonali, ikollhom dritt li jiksbu n-newtralizzazzjoni tal-perijodi relattivi ta' attività [25].

47. Min-naħa l-oħra — mingħajr ma nidħol fil-mertu tat-traspożizzjoni għas-suġġett ta' l-impjieg pubbliku tal-prinċipju, magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja f'qasam varju [26], li skond din id-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju li jagħtu dritt għal prestazzjonijiet iffinanzjati b'riżorsi Komunitarji jiġu interpretati b'mod restrittiv [27] — għandu fil-fehma tiegħi jiġi ċċarat li s-sejħa magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza għal interpretazzjoni restrittiva tan-norma in eżami għandha l-aktar tinftiehem bħala esklużjoni li ssir interpretazzjoni analoġika u ma tista' bl-ebda mod tilleġittima interpretazzjoni ta' l-istess li tbiddel it-tifsira billi tikkontradixxiha mad-dispożizzjoni jew tillimita l-kuntest ta' applikazzjoni "naturali".

48. Dwar ir-*ratio legis* li taqbel mad-dispożizzjoni tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti u, aktar in ġenerali, l-istitut tal-benefiċċju ta' espatrijazzjoni, il-ġurisprudenza tagħti iżda indikazzjonijiet li jaqblu bejniethom.

49. Skond dak li ġie ripetutament iddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Pri-

24 — Sabiex ikun jista' jiġi kkunsidrat ikkostitwit il-binomju bejn in-norma regolari u n-norma eċċezzjonali u jew dak ta' norma derogata ma' norma deroganti huwa neċessarju li n-norma eċċezzjonali jew in-norma deroganti jkunu konnessi ma' fatti speċifiċi determinati, li fin-nuqqas tagħhom ikunu rregolati min-norma regolari jew min-norma derogata, effetti differenti minn dawk li n-norma regolari jew in-norma derogata jkollhom konnessi ma' dawn il-fatti speċifiċi msemmija. Issa f'din il-kawża n-norma li qed tiġi preżunta regolari jew derogata tipprevedi li l-impjegat li abitwalment kien jgħix jew iwettaq okkupazzjoni ewlenija fit-territorju ta' l-Istat fejn qiegħed il-post fejn huma impjegati waqt il-perjodu ta' riferiment (deskrizzjoni ta' l-atti partikolari) m'għandux dritt għall-benefiċċju ta' espatrijazzjoni (effett). In-norma li hija preżunta eċċezzjonali jew deroganti tipprevedi li s-sitwazzjonijiet li jirriżultaw minn xogħol li twettaq fi Stat ieħor (deskrizzjoni tal-fatt partikolari) ma jittieħdux in kunsiderazzjoni (effett). Issa din l-aħħar norma m'għandhiex bħala effett li tneħħi mill-kuntest ta' applikazzjoni ta' l-ewwel waħda ebda fatti partikolari li jidħlu fiha meta tirregolahom b'mod differenti: l-impjegat li wettaq xogħol għal Stat ieħor waqt il-perjodu ta' riferiment m'għandux *awtomatikament* dritt għall-benefiċċju ta' espatrijazzjoni (effett li jiġri jekk ikun hemm it-tneħħija ta' fatti partikolari min-norma regolari jew derogata min-naħa tan-norma eċċezzjonali jew deroganti) izda għandha biss id-dritt li tara *mewtralizzat*, għall-finijiet tal-kalkolu tal-perjodu ta' riferiment, iż-żmien li għadda fit-twettiq ta' din l-attività. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, id-dispożizzjoni in eżami ma ddaħħalx eċċezzjoni jew deroga għall-kundizzjoni msemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), iżda sempliċement tipprevedi *kriterju applikattiv* ta' din il-kundizzjoni.

25 — Ara f'dan is-sens, ara s-sentenza tal-31 ta' Mejju 1988, Nuñez vs Il-Kummissjoni, (211/87, Ġabra p. 2791).

26 — Dak tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija fil-kuntest tal-politika agrikola komuni.

27 — Din tirrigwarda operazzjoni magħmula kostantement mill-Qorti tal-Prim'Istanza mis-sentenza tat-8 ta' Marzu 1990, Schwedler vs Il-Parlament (T-41/89, Ġabra 1990 p. II-79); ara, *inter alia*, il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 48 tas-sentenza Olesen vs Il-Kummissjoni. Fil-konklużjonijiet ippreżentati fil-kawża li għandha bħal suġġett l-appell kontra l-imsemmija sentenza, l-Avukat Ġenerali Tesauro kkritika dan il-punt tal-motivazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, sentenza tat-28 ta' Novembru 1991, Schwedler vs Il-Parlament (C-132/90 P, Ġabra p. I-5745).

m'Istanza , "il-benefiċċju ta' espatrijazzjoni għandu l-għan li jikkumpensa l-piżijiet u l-iżvantaġġi partikolari li jirriżultaw mill-eżerċizzju permanenti ta' funzjonijiet f'pajjiż li fih l-impjegat ma stabbiliex rabtiet fit-tul qabel ma daħal fis-servizz" [28].

50. Dwar dak li jikkonċerna d-dispożizzjoni li hemm fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, skond ġurisprudenza stabbilita, hija ssib ir-*ratio legis* tagħha fir-rieda li ma tippenalizzax, permezz tat-telf tal-benefiċċju ta' espatrijazzjoni, l-impjegati li jkunu stabbilixxew ruħhom fil-pajjiż fejn iwettqu x-xogħol sabiex jagħmlu xogħol fi Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali [29], peress li jista' jiġi stabbilit li "kienu stabbilixxew rabtiet fit-tul mal-pajjiż ta' servizz minħabba n-natura temporanja taċ-ċaqliq tagħhom fl-imsemmi pajjiż" [30].

51. Ir-regola ta' newtralizzazzjoni li fuqha jidher li d-dispożizzjoni in eżami hi bbażata tidher li hi l-preżunzjoni li tgħid li l-għoti ta' xogħol għal Stat jew għal orgnanizzazzjoni internazzjonali mhux fih innifsu adatt li joħloq rabtiet fit-tul bejn l-interessat u l-Istat fejn dan l-għoti jkun sar [31].

52. Kif tiġġustifika din il-preżunzjoni?

53. Fis-silenzju tal-ġurisprudenza jistgħu jitressqu f'dan ir-rigward xi ipoteżi.

54. L-ewwel ġustifikazzjoni tista' tinstab fil-kunsiderazzjoni, ibbażata fuq regola ta' esperjenza, li l-attività mwettqa barra l-pajjiż għal Stat differenti minn dak tal-prestazzjoni jew għal organizzazzjoni internazzjonali għandu normalment natura temporanja: l-impjegati ta' organizzazzjoni internazzjonali bħalma huma l-korp diplomatiku ta' Stat jistgħu faċilment jissejħu jbiddlu l-pajjiż fejn twettaq ix-xogħol u m'għandhomx għalhekk interess li jistabbilixxu rabtiet fit-tul ma' l-Istat fejn dan ta' l-aħħar jinsab.

55. It-tieni spjegazzjoni għall-preżunzjoni tista' tkun ibbażata fuq il-karatteristika partikolari ta' l-ambjent tax-xogħol fi ħdan l-

28 — Ara, *inter alia*, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja 20 ta' Frar 1975, Airola vs Il-Kummissjoni (21/74, Ġabra p. 221, punt 8); tad-9 ta' Ottubru 1984, Witte vs Il-Parlament (188/83, Ġabra p. 3465, punt 8); De Angelis vs Il-Kummissjoni, iċċitata 'il fuq (punt 13), u ta' l-24 ta' Ġunju 1987, Von Neuhoff von der Ley vs Il-Kummissjoni, (61/85, Ġabra p. 2853, punt 7); u tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-28 ta' Settembru 1999, J vs Il-Kummissjoni (T-28/98, ĠabraFP, p. I-A-185 u II-973, punt 32), tat-13 ta' April 2000, Reichert vs Il-Parlament (T-18/98, ĠabraFP. p. I-A-73 u II-309, punt 25) u Olesen vs Id-Danimarka, iċċitata iktar 'il fuq, punt 44.

29 — Sentenza Nuñez vs Il-Kummissjoni, iċċitata aktar 'il fuq.

30 — Sentenzi tal-15 ta' Jannar 1981, Vutera vs Il-Kummissjoni, (1322/79 Ġabra p. 127, punt 8); u De Angelis vs Il-Kummissjoni, iċċitata aktar 'il fuq, (punt 13); u Nevin vs Il-Kummissjoni, iċċitata aktar 'il fuq (punt 50).

31 — Preżunzjoni simili, anki jekk fis-sens oppost, hija mifhuma fid-dispożizzjoni li hemm fis-subparagrafu b) ta' l-istess Artikolu 4(1). Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-27 ta' Settembru 2000, Lemaître vs Il-Kummissjoni, (T-317/99, ĠabraFP, p. I-A-191 u II-867, punt 59).

organizzazzjonijiet internazzjonali u fl-oqsma Statali barra l-pajjiż. Peress li l-ħajja professjonali għandha spiss rwol fundamentali sabiex jiġi integrat soċjalment l-individwu, iċ-ċirkustanza li l-ambjent tax-xogħol ikun kompost prevalentement minn persuni li, min-naħa, mhumiex permanentement stabiliti fl-Istat fejn qed jagħtu x-xogħol, u min-naħa l-oħra, m'għandhomx iċ-ċittadinanza ta' dan ta' l-aħħar jista' jagħmilha aktar diffiċli li jinħolqu rabtiet fit-tul b'mod li jwasslu għal integrazzjoni vera u proprja f'dan l-Istat.

56. Tista' ma tkunx estranja għall-għanijiet segwiti mir-regola ta' newtralizzazzjoni wkoll l-eżiġenza li ssostni l-kapaċità ta' impjieg ġdid ta' l-istituzzjonijiet Komunitarji u li tinżamm il-kapaċità ta' attrazzjoni fil-konfront ta' ċittadini ta' Stati diversi minn dawk tal-bażi tagħhom. Dan jgħodd b'mod partikolari għall-applikazzjoni ta' din ir-regola għal każijiet ta' servizzi mogħtija għal organizzazzjonijiet internazzjonali, taħt il-dawl doppju li ma tiskoraġġix il-prestazzjoni ta' servizzi għall-istituzzjonijiet Komunitarji b'mod temporanju u, viċiversa, li ma tiddiżinċentivax dawk li jkun wettqu dawn il-prestazzjonijiet li jidħlu fis-servizz ta' l-istituzzjonijiet b'mod permanenti.

57. Insaqsi fl-aħħar nett jekk dak li hemm qabel huwiex biżżejjed sabiex jispjega l-preżunzjoni li hija abbażi tad-dispożizzjoni in eżami jew jekk ir-*ratio legis* ta' l-istess m'għandhiex pjuttost titfittex f'xorta ta' privileġġ favur Stat u organizzazzjonijiet internazzjonali, privileġġ li jirriżulta mill-predispożizzjoni ta' sistema speċjali (limitatament għall-metodu ta' kalkolu tal-perijodu ta' riferiment) favur dawk li taw xogħol għall-organizzazzjonijiet tagħhom u huwa intiż li jneħħi diżinċentivi għaċ-ċaqliq ġeografiku ta' l-impjegati ta l-Istati u ta' l-organizzazzjonijiet internazzjonali. B'mod partikolari, l-insuffiċjenza tal-ġustifikazzjonijiet spjegati aktar 'il fuq jidhru evidenti jekk jiġi kkunsidrat li dawn huma adatti li jsostnu l-preżunzjoni ta' nuqqas ta' integrazzjoni fl-Istat ta' bażi ta' servizz rigward kemm is-sitwazzjonijiet deskritti fid-dispożizzjoni in eżami kif ukoll dawk li jirriżultaw minn xogħol mogħti barra l-pajjiż għal suġġetti diversi mill-Istati u l-organizzazjonijiet internazzjonali (tkun xi tkun it-tifsira partikolari li għandha tingħata lil dawn it-termini fl-interpretazzjoni) [32].

ii) Fuq il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti

— Preżentazzjoni tal-ġurisprudenza

58. Peress li, bi qbil ma' dak li ġie osservat mill-Kummissjoni, naħseb li l-evalwazzjoni

32 — F'dan id-dawl għandu jiġi rrilevat li fis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-13 ta' Diċembru 2004, E vs Il-Kummissjoni, (T-251/02, RecFP p. I-A-359 et II-1643) il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, billi ċaħditha, fuq eċċezzjoni ta' illeġittimità tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine*, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, ibbażata proprju fuq kuntrarjetà preżunta ta' din id-dispożizzjoni għall-prinċipju ta' trattament ugwali. Ir-rikorrenti talbet l-applikazzjoni fil-konfront tagħha tar-regola ta' newtralizzazzjoni peress li sostniet li hija kienet intbagħtet minn uffiċċju legali Ingliż, li miegħu kkollaborat, li tagħmel parti mill-perjodu ta' l-attività professjonali tagħha fl-uffiċċju ta' Brussell, u li hija ma holqitx rabtiet fit-tul mal-Belġju minħabba din l-esperjenza.

dwar jekk hemmx il-kundizzjonijiet applikattivi tan-norma in eżami għandha, sabiex ma tkunx inkoerenti, issir abbażi ta' kriterji identiċi fiż-żewġ każijiet speċifiċi previsti ("xogħol li sar fi Stat ieħor" u "xogħol li sar għal għal organizzazzjoni internazzjonali"), l-eżami li ġej ifakkar sentenzi li jirrigwardaw indistintament waħda jew l-oħra minn dawn il-fatti speċifiċi [33].

59. F'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet suġġettivi ta' applikazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fis-sentenza De Angelis vs Il-Kummissjoni [34], li n-norma in kwistjoni "tirrigwarda biss is-sitwazzjonijiet li jirriżultaw minn xogħlijiet li saru mill-*impjegat stess* [35] li jidħol fis-servizz" u ma tistax tiġi estiża għall-impjegat li kien residenti fil-pajjiż ta' bażi tas-servizz peress li kien segwa, skond obbligu ġuridiku, il-konjuġi li kien ġie ttrasferit bil-għan li jieħu xogħol mal-Komunità.

60. Rigward il-kundizzjonijiet oġġettivi, għandha tiġi mfakkra qabel xejn is-sentenza Lo Giudice vs Il-Parlament [36], ħafna drabi ċċitata mill-Kummissjoni fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza għall-ewwel darba kkunsidrat bħala kundizzjoni neċessarja sabiex tapplika d-dispożizzjoni in eżami li jkun hemm rabta ġuridika bejn l-impjegat u l-organizzazzjoni internazzjonali in kwistjoni. Fil-kawża li tat bidu għal din id-deċiżjoni, ir-rikorrent, qabel ma kien impjegat tal-Parlament, kien wettaq konsulenzi fl-informatika għall-Kummissjoni u għall-Parlament Ewropew, bis-saħħa ta' kuntratt ta' appalt konkluż bejn dawn l-istituzzjonijiet u l-kumpannija li magħha kien impjegat. Il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li r-rikorrenti ma kienx "impjegat direttament minn istituzzjoni Komunitarja b'kuntratt jew xi forma oħra, skond is-sistema ta' regoli applikabbli lill-aġenti l-oħrajn tal-Komunità Ewropea jew skond test ieħor Komunitarju", li f'dan il-każ partikolari ma kien hemm "ebda relazzjoni ta' servizz dirett ma l-istituzzjonijiet in kwistjoni u li, għal din ir-raġuni, ir-rikorrent ma kienx suġġett għall-ordnijiet ta' dawn l-istituzzjonijiet" [37]. Fil-punt 36 tal-motivazzjoni l-Qorti tal-Prim'Istanza ddikjarat, f'termini aktar ġenerali. li sabiex jibbenefika mir-regola ta' newtralizzazzjoni "l-interessat għandu *almenu* jkollu *rabtiet ġuridici diretti* ma' l-istituzzjoni in kwistjoni" [38].

61. Fis-sentenza Diamantaras vs Il-Kummissjoni [39], il-Qorti tal-Prim'Istanza, imsejħa

33 — Ħuwa neċessarju li jiġi ppreċiżat li, koerentement ma' dak iddikjarat aktar 'il fuq fir-rigward ta' l-appell preżenti, ma taqax taħt l-analiżi li ssegwi d-definizzjoni ġurisprudenzjali tal-kunċetti ta' "Stat" u ta' "organizzazjoni internazzjonali", għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni in kawża.

34 — Iċċitata aktar 'il fuq (punt 14).

35 — Il korsiv huwa tiegħi.

36 — Iċċitata aktar 'il fuq.

37 — Sentenza Lo Giudice vs il-Parlament, iċċitata iktar 'il fuq (punt 34).

38 — Il-korsiv huwa tiegħi. Skond il-Qorti tal-Prim'Istanza "din l-interpretazzjoni hija wkoll konformi ma' l-awtonomija li jgawdu l-istituzzjonijiet fl-organizzazzjoni interna tas-servizzi tagħhom, li tawtorizzhom, bil-mezz ta' sejħiet ta' offerti pubbliċi, jistiednu terzi li ma jappartejnux għall-istruttura ġerarkika tagħha jipproponu s-servizzi tagħhom sabiex jiggrarantixxu l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet puntwali" [Traduzzjoni mhux uffiċjali].

39 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-14 ta' Diċembru 1995 (T-72/94, ĠabraFP, p. I-A-285 u II-865, punt 52).

tiddeċiedi fuq id-dritt tar-rikorrenti li jiksbu n-newtralizzazzjoni fil-perijodu li fih kienet ħadmet bħala konsulent indipendenti tal-Kummissjoni, ippreċiżat li d-dispożizzjoni in eżami ma tirrigwardax biss l-*uffiċjali* ta' Stat jew dawk li *għamlu parti mill-persunal* ta' organizzazzjoni internazzjonali. Skond il-Qorti tal-Prim'Istanza l-istatus ta' konsulent indipendenti mill-Kummissjoni, peress li jagħti rabta ġuridika diretta bejn din l-istituzzjoni u r-rikorrenti, jagħti lok għal sitwazzjoni li tirriżulta minn servizzi mogħtija minn organizzazzjoni internazzjonali skond din id-dispożizzjoni.

62. Fis-sentenza Liaskou vs Il-Kunsill [40], l-istituzzjoni konvenuta sostniet in-nuqqas ta' kull rabta ta' subordinazzjoni, ta' oriġini kuntrattwali jew regolamentari, bejn ir-rikorrenti u l-Kummissjoni li għalihom ir-rikorrenti kienet wettqet perijodu ta' stage (taħriġ) li l-kwalifika tagħha kienet in kwistjoni. Il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat li r-rikorrenti kienet impenjat ruħha li twettaq prestazzjoni ta' servizzi favur il-Kummissjoni għal kumpens u li n-*natura ġuridika tar-relazzjoni tagħha* ma' din l-istituzzjoni ma setgħetx tiġi eskluża għall-fatt biss li ma ġie konkluż ebda *kuntratt*. Għalhekk, skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, l-istage mwettaq mir-rikorrenti kellu jiġi kkwalifikat bħala sitwazzjoni li tirriżulta minn xogħol li twettaq għal organizzazzjoni internazzjonali skond it-tieni subinċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), in fine, ta' l-Anness VII tar-Regolamenti.

63. Fis-sentenza Nevin vs Il-Kummissjoni [41], il-Qorti tal-Prim'Istanza marret lura fuq il-kunċett ta' rabta ġuridika diretta u fuq l-importanza li għandha, fl-evalwazzjoni ta' jekk hemmx din ir-rabta, ta' verifika ta' rabta ta' subordinazzjoni ġerarkika bejn l-impjegat u l-organizzazzjoni internazzjonali. Fil-kawża suġġett ta' din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti, qabel ma ġiet impjegata mill-Kummissjoni, kienet ħadmet għal din l-istituzzjoni fost l-oħrajn bħala impjegata f'taħriġ. Wara li kkonstatat in-nuqqas ta' relazzjoni ta' xogħol bejn ir-rikorrenti u l-Kummissjoni [42] u, għalhekk, in-nuqqas ta' rabta ġuridika diretta fis-sens diġà ċċarat fil-punt 34 tas-sentenza Lo Giudice vs Il-Parlament [43], il-Qorti tal-Prim'Istanza vverifikat jekk l-elementi mressqa mir-rikorrenti jistgħux ifissru, anki fin-nuqqas ta' relazzjoni ta' impjieg, din ir-rabta [44]. Fost l-elementi eżaminati mill-Qorti tal-Prim'Istanza tidher ukoll anki ċ-ċirkus-

40 — Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' Mejju 2001 (T-60/00, ĠabraFP, p. I-A-107 u II-489, punt 49).

41 — Iċċitata aktar 'il fuq.

42 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza waslet għal din il-konklużjoni wara li eżaminat ir-relazzjonijiet li kien hemm bejn impriża ta' xogħol temporanja, ħaddiem temporanju u min juża skond id-dritt Belġjan (sentenza Nevin vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punti 53 sa 57 tal-motivazzjoni).

43 — Ara l-punt 60 aktar 'il fuq.

44 — Barra r-rabta ta' subordinazzjoni ġerarkika, li hemm riferiment għaliha fit-test, ir-rikorrenti ċċitat bħala elementi li minnhom jista' jiġi konkluż li hemm relazzjoni diretta mal-Kummissjoni b'mod partikolari: l-obbligi legali fil-konfront ta' ħaddiema temporanji li huma responsabbli ta' min juża; xi aspetti formali kemm dwar il-kuntratt konklużż bejn ir-rikorrenti u l-kumpannija ta' xogħol temporanju dwar id-dokumenti rilaxxati minn din ta' l-aħħar lir-rikorrenti, ċertu numru ta' prestazzjonijiet favur ir-rikorrenti li għalihom obbligat ruħha l-Kummissjoni skond kundizzjonijiet ġenerali konnessi mal-kuntratt bejn din ta' l-aħħar u l-kumpannija ta' xogħol temporanju; iċ-ċirkustanza li l-isem tar-rikorrenti kien ġie approvat mill-Kummissjoni .

tanza li, fit-twettiq ta' l-attività tagħha, irrikorrenti rċeviet struzzjonijiet biss mill-Kummissjoni. Din iċ-ċirkustanza meqjusa mill-Qorti tal-Prim'Istanza perfettament kompatibbli man-natura tax-xogħol temporanju fejn relazzjoni ta' impjieg għalhekk ta' subordinazzjoni nħolqot biss ma' l-impriża ta' xogħol temporanju; fil-fatt meta segwiet l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni r-rikorrenti wettqet l-obbligi meħuda fil-konfront ta' l-impriża ta' xogħol ta' temporanju, dik li tħaddimha, filwaqt li n-nuqqas ta' rispett ta' dawn l-istruzzjonijiet iġib konsegwenzi ġuridiċi biss fir-relazzjonijiet ta' din ta' l-aħħar. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet billi ppreċiżat li "jekk iċ-ċirkustanza li r-rikorrenti kienet ġuridikament sottoposta għall-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni tikkostitwixxi differenza dwar il-fatti partikolari suġġett tassentenza Lo Giudice vs Il-Parlament [...], dan ma jfissirx li, bħal f'dik il-kawża, ma kienx hemm bejn il-partijiet rabtiet ġuridiċi diretti tali li jippermettu l-applikazzjoni tadderoga li hemm fit-tieni subinċiż ta' [l-Artikolu 4(1)(a), *in fine*] ta' l-Anness VII tar-Regolamenti" [45].

64. Li jkun hemm rabta ġuridika diretta fissens tal-ġurisprudenza mfakkra aktar 'il fuq jidher li hija mitluba anki meta tirrigwarda l-applikazzjoni tad-deroga ta' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine* ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, fl-ipoteżi ta' "xogħol li sar fi Stat Membru ieħor".

65. Fis-sentenza Olesen vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 42 aktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret is-sentenzi Lo Giudice vs Il-Parlament, Diamantaras vs Il-Kummissjoni u Nevin vs Il-Kummissjoni sabiex issostni interpretazzjoni restrittiva tad-dispożizzjoni in eżami meta tittratta l-ipoteżi ta' servizzi mogħtija minn Stat. Mingħajr ma stqarret espliċitament l-eżiġenza li tapplika anki f'dawn l-ipoteżi l-kriterju tar-rabta ġuridika diretta magħmula mis-sentenzi msemmija, hija tistqarr li "jkun inkoerenti li jkun hemm flimkien żewġ metodi opposti fi ħdan l-istess dispożizzjoni, jiġifieri tagħti interpretazzjoni restrittiva f'dak li jirrigwarda s-'servizzi mwettqa minn organizzazzjoni internazzjonali' u interpretazzjoni wiesgħa f'dak li jikkonċerna 'servizzi mogħtija għal Stat Membru ieħor'" [46].

66. Il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet iżda espressament applikazzjoni tal-kriterju tar-rabta ġuridika diretta fis-sentenza Recale Langarica vs Il-Kummissjoni [47] li waslet sabiex teskludi li hemm f'din il-kawża rabtiet ġuridiċi diretti bejn ir-rikorrenti, impjegata ma' kumpannija ta' ishma pubblika skond iddritt Spanjol, u l-Istat Spanjol. Il-Qorti tal-Prim'Istanza bbażat ruħha essenzjalment fuq in-*nuqqas ta' relazzjonijiet kuntrattwali* bejn din ta' l-aħħar u r-rikorrenti waqt li ċ-ċirkustanza li l-Komunità awtonoma Baska kellha sehem wieħed f'din il-kumpannija kienet ikkunsidrata bħala adatta sabiex

45 — Ara punt 65 iktar 'il fuq.

46 — Ara punt 50 iktar 'il fuq.

47 — Sentenza tat-13 ta' Settembru 2005, (T-283/03, ĠabraFP p. I-A-235 u II-1075, punt 166).

tipprova biss rabtiet ġuridiċi *indiretti* bejn din l-entità u r-rikorrenti u, a fortiori, bejn din ta' l-aħħar u r-Renju ta' Spanja [48].

69. Naħseb li huwa utli, qabel ma nipproċedi aktar fir-riflessjoni tiegħi, li nispjega r-raġunijiet li ma jħallunix nabel ma' l-analiżi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza proposta mir-rikorrenti.

— Analiżi

67. Jirriżulta minn dak spjegat aktar 'il fuq li l-kunċett ta' "rabta ġuridika diretta", li għaliha tirreferi l-Kummissjoni fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, hija elaborazzjoni tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza.

70. Għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ma teħtieġx, sabiex tkun ikkostitwita r-rabta ġuridika diretta meħtieġa biex tapplika r-regola ta' newtralizzazzjoni, li l-persuna li tagħti s-servizzi *tkun impjegata mill-Istat* jew tagħmel parti mill-persunal ta' l-organizzazzjoni internazzjonali [49]. Fi kliem ieħor, l-Istat jew l-organizzazzjoni internazzjonali m'għandhomx neċessarjament jieħdu fil-konfront ta' l-interessat il-kwalifika ta' min iħaddem.

68. In sostenn ta' l-appell tagħha, il-Kummissjoni ssostni fost oħrajn li fis-sentenza kkontestata l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet tbegħdet mill-ġurisprudenza tagħha, meta naqset milli tivverifika jekk f'din il-kawża hemmx din ir-rabta. L-istituzzjoni rikorrenti ssostni wkoll li b'"rabta ġuridika diretta" għandha tinftiehem, abbażi tal-ġurisprudenza mfakkra aktar 'il fuq, rabta kuntrattwali jew regolamentari. Fl-aħħar nett ir-rikorrenti ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet għamlet applikazzjoni ta' dan il-kriterju, dak tas-subordinazzjoni ġerarkika, li r-rilevanza tagħha biex tevalwa jekk hemmx rabta ġuridika diretta tkun ġiet eskluża mis-sentenza Nevin vs Il-Kummissjoni, iċċitata aktar 'il fuq.

71. Fit-tieni lok, għandu jiġi osservat li l-Qorti tal-Prim'Istanza użat it-terminu "rabta ġuridika diretta" u mhux it-terminu "rabta kuntrattwali diretta". Peress li ma naħsibx li din l-għażla tikkorrispondi biss għal eżiġenza ta' natura terminoloġika mill-bżonn li tinkludi wkoll sitwazzjonijiet li fihom ir-relazzjoni bejn l-interessat u l-Istat jew l-organizzazzjoni internazzjonali m'għandhiex natura kuntrattwali iżda regolamentari, jidhirli li huwa possibbli li tikkonkludi li r-rabta li għaliha tirrferi l-ġurisprudenza *m'għandhiex tirriżulta neċessarjament minn kuntratt.* Barra minn dan, interpretazzjoni li tgħid li, fin-nuqqas ta' relazzjoni kuntrattwali diretta, il-kundizzjoni tar-rabta ġuridika diretta tkun sodisfatta biss fil-preżenza ta' rabta ġuridika

48 — Punti 167 u 168. Il-kriterju tar-rabta ġuridika diretta hija mfakkra wkoll fis-sentenzi li kontra tagħhom hemm pendenti l-appelli suġġetti għall-kawżi mfakkra fil-punt 35 aktar 'il fuq.

49 — Ara s-sentenzi Diamantaras vs Il-Kummissjoni u Liaskou vs Il-Kummissjoni ċċitati aktar 'il fuq.

aktar qawwija minn dak li jirriżulta minn kuntratt ma jidhirlix li nista' naqbel magħha. Fil-fatt, minn naħa, fis-sentenza Liaskou vs Il-Kummissjoni ċċitata aktar 'il fuq, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li hemm din ir-rabta fil-każ ta' persuna fuq taħriġ. Min-naħa l-oħra, fis-sentenza Lo Giudice vs Il-Parlament, iċċitata aktar 'il fuq, hija aċċettat li r-rabta meħtieġa tikkostitwixxi *xi ħaġa inqas* meta mqabbla ma' relazzjoni kuntrattwali fejn, wara li kienet ġiet ikkonstatata fil-punt 34 tas-sentenza li r-rikorrenti kienet marbuta kuntrattwalment biss ma' kumpannija terza ddikjarat, fil-punt 36 ta' wara, li t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), ta' l-Anness VII tar-Regolamenti jitlob li l-"impjegata interessata kellha *almenu rabtiet* ġuridiċi diretti ma' l-istituzzjoni in kwistjoni".

72. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, jekk inhu veru li l-aċċertament ta' relazzjoni kuntrattwali jew regolamentari bejn l-interessat u l-Istat jew l-organizzazzjoni internazzjonali in kwistjoni tħalli fiha nnifisha, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li wieħed jikkonkludi li hemm rabta ġuridika diretta, min-naħa l-oħra mhuwiex permess li wieħed jikkonkludi minn din il-ġurisprudenza li, fejn din ir-relazzjoni hija nieqsa, għandu jiġi eskluż li għal din ir-raġuni biss ma jkunx hemm din ir-rabta.

73. Fit-tielet lok, naħseb li s-sentenzi Lo Giudice vs Il-Parlament u Nevin vs Il-Kummissjoni, iccitati iktar 'il fuq, meta jfakkru ċ-ċirkustanza li l-interessat huwiex jew le ġuridikament suġġett għall-istruzzjonijiet ta' organu ta' l-Istat jew ta' organizzazzjoni internazzjonali [50], għandhom jirreferu fir-realtà għal kundizzjoni aktar speċifika u mhux ta' rabta sempliċi ta' subordinazzjoni ġerarkika, jiġifieri għal sitwazzjoni li fiha l-interessat għandu obbligu ġuridiku li jfisser li jkun suġġett għas-setgħa ta' diskrezzjoni u ta' kontroll tal-benefiċjarju tal-prestazzjoni fuq l-eżekuzzjoni ta' l-istess. Wara li jiġi ppreċiżat dan, ma naqbilx mat-teżi tal-Kummissjoni li tgħid li l-ġurisprudenza kellha teskludi r-rilevanza ta' dan l-element. Bil-kontra, fis-sentenza Lo Giudice vs Il-Parlament, dan jidher li għandu importanza ċentrali [51] fl-istħarriġ ta' l-eżistenza ta' rabta ġuridika diretta bejn ir-rikorrenti u l-istituzzjoni Komunitarja. Jekk inhu veru li l-importanza tagħha kienet mibdula ħafna fis-sentenza ta' wara, Nevin vs Il-Kummissjoni, ma jidhirlix li hu possibbli li wieħed jikkonkludi minn din is-sentenza li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet riedet teskludi r-rilevanza sabiex isir dan l-istħarriġ [52].

74. Fl-aħħar nett jidhirli li nista' nikkonkludi mill-ġurisprudenza ċċitata s'issa li, kif ġustament muri mill-kontroparti u kuntrarjament għal dak li jidher li timplika t-teżi tal-Kummissjoni, il-verifika ta' l-eżistenza ta' rabta ġuridika diretta bejn l-interessat u l-Istat jew l-organizzazzjoni internazzjonali in kwistjoni għandha ssir fid-dawl ta' numru ta' *fatturi meħuda flimkien mhux stabbiliti*

50 — Ara l-punti 68 u 71 aktar 'il fuq.

51 — Punt 34.

52 — Il-Qorti tal-Prim'Istanza sempliċement iċċarat li fih innifsu dan l-element mhux biżżejjed sabiex ikun hemm (jew li jeskludi fil-każ li li hemm nuqqas) rabta ġuridika diretta.

minn qabel, li l-idoneità tagħha li tindika din ir-rabta tiġi evalwata każ każ skond il-karatteristiċi ta' kull kawża.

75. Ngħaddi issa biex neżamina l-fondatezza tal-kritika mressqa mill-Kummissjoni in sostenn tar-rikors tagħha.

c) Fuq l-allegat ksur tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine,* ta' l-Anness VII tar-Regolamenti

76. Il-Qorti tal-Ġustizzja għadha ma kellhiex okkażjoni tiddeċedi dwar il-kunċett ta' rabta ġuridika diretta magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

77. D'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tillimita ruħha li teżamina l-korrettezza tas-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Prim'Istanza b'riferiment għas-sitwazzjoni tar-reżistenti, jiġifieri tista' taffronta f'termini aktar ġenerali l-kwistjoni interpretattiva mqajma mill-partijiet.

78. F'dan it-tieni każ naħseb li l-kunċett ta' "rabta ġuridika diretta" kif spjegat fil-linji tagħha ġenerali fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza — li jitbiegħed mill-korrettezza ta' l-applikazzjoni li saret f'kull kawża partikolari, fejn rebaħ metodu fil-fehma tiegħi eċċessivament formali — jista' jikkostitwixxi parametru korrett li abbażi tiegħu tevalwa jekk l-attività mwettqa minn impjegat qabel id-dħul tiegħu fis-servizz tal-Komunità tidħolx fit-tifsira ta' "xogħol li sar fi Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali" skond it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), *in fine,* ta' l-Anness VII tar-Regolamenti.

79. Fi kliem ieħor naqbel mal-Qorti tal-Prim'Istanza meta nsostni li kundizzjoni għall-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni hija li jkun hemm rabta *ġuridika* u mhux biss ta' fatt tali jpoġġi *direttament* f'relazzjoni l-persuna li twettaq servizzi ma' l-Istat (jew mal-organizzazzjoni internazzjonali) benefiċjarja ta' l-istess. Naħseb barra minn dan li din ir-rabta m'għandhiex tiddependi neċessarjament minn jekk hemmx relazzjoni ta' natura kuntrattwali jew regolamentari bejn iż-żewġ persuni iżda tista' tirriżulta minn elementi oħrajn li jikkaratterizzaw ir-relazzjoni tagħhom.

80. Għandu għalhekk jiġi evalwat jekk il-fatturi ta' konnessjoni bejn il-kontroparti u r-Repubblika ta' l-Awstrija identifikati mill-Qorti tal-Prim'Istanza humiex biżżejjed sabiex ikun hemm din il-konnessjoni.

81. F'dan il-kuntest għandu l-ewwel jiġi rrilevat li t-twassil lill-kunċett ta' Stat tar-RP b'ebda mod ma huwa kkontestat mill-

Kummissjoni, lanqas ma jista' jkun b'mod serju jiġi rrevokat fid-dubju.

82. Fuq l-eżempju ta' missjonijiet diplomatiċi normali [53], ir-RP jeżerċitaw funzjonijiet ta' rappreżentanza u ta' ħarsien ta' l-interessi nazzjonali. Huma nħolqu abbażi ta' inizjattivi unilaterali ta' l-Istati Membri u huma joperaw bħala organizzazzjonijiet ta' konnessjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-istituzzjonijiet Komunitarji, b'mod partikolari permezz ta' l-attività tal-Coreper. Matul is-snin, minħabba l-eżiġenzi ta' rappreżentanza tad-diversi amministrazjonijiet imdaħħla fil-ħidma Komunitarja, huwa assumew struttura dejjem aktar kumplessa, li tirrifletti l-oqsma differenti ta' l-Istat li huma jirrapreżentaw. Għalkemm jaqdu l-istess funzjonijiet u jikkonformaw għal mudell simili, l-organizzazzjoni u l-funzjonment tar-rappreżentanzi permanenti jvarjaw minn Stat Membru għal Stat Membru, b'relazzjoni mal-karatteristiċi rispettivi, prattiċi kurrenti u prioritajiet. In-numru u l-provenjenza ta' l-uffiċjali u esperti mqabbda jiddependu, per eżempju, mill-eżiġenzi differenti ta' intervent tad-diversi amministrazzjonijiet nazzjonali.

83. Mingħajr ma huwa neċessarju li ndum fuq l-oriġini, in-natura u l-kuntest li fihom jaħdmu r-RP, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat, għall-eżiġenzi ta' din il-kontroversja, li, sabiex tapplika r-regola ta' newtralizzazzjoni li hemm fl-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, l-attività mwettqa mill-impjegati ta' RP, fid-dawl tan-natura ġuridika ta' dawn l-organizzazzjonijiet, għandha titqies, fuq l-eżempju ta' dik eżerċitata fi ħdan l-ambaxxati, bħala servizz imwettaq għall-Istat li għaliha tappartjeni.

84. Kif diġà ssemma, din il-konklużjoni mhijiex ikkontestata mill-Kummissjoni, li tikkontesta iżda x-xogħol li sar mill-kontroparti fil-kuntest tar-RPA jista' jiġi kkwalifikat bħala xogħol li sar "fir-" Repubblika ta' l-Awstrija. B'mod partikolari, skond ir-rikorrenti, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza, billi bbażat ruħha fuq l-element ta' integrazzjoni organika/funzjonali tal-kontroparti fir-RPA, kienet għamlet applikazzjoni ta' kriterju purament formali minflok stħarriġ sostanzjali li kellu jwassalha li teskludu li hemm ir-rabta ġuridika diretta mitluba mill-ġurisprudenza bħala kundizzjoni għall-applikazzjoni tar-regola ta' newtralizzazzjoni.

85. Ma naqbilx ma' l-analiżi tal-Kummissjoni.

86. Infakkar qabel xejn li abbażi ta' dak li ġie spjegat aktar 'il fuq, ir-rabta ġuridika diretta invokata mill-Kummissjoni tista' tiġi konkluża minn numru ta' elementi diversi, li

53 — Għal applikazzjoni tar-regola ta' newtralizzazzjoni għal ipoteżi ta' xogħol li sar f'ambaxxati, ara s-sentenzi ta' l-10 ta' Ottubru 1989, Atala-Palmerini vs Il-Kummissjoni (201/88, Ġabra p. 3109), u Nuñez vs Il-Kummissjoni, iċċitata aktar 'il fuq. Ara wkoll is-sentenza Olesen vs Il-Kummissjoni, iċċitata aktar 'il fuq (punt 40).

għandhom jiġu identifikati b'riferiment għall-kawża partikolari, fil-kuntest ta' evalwazzjoni globali.

87. Fit-tieni lok, kuntrarjament għall-kundizzjoni li fuqha timxi l-Kummissjoni, mhuwiex neċessarju għall-għanjiet tar-regola ta' newtralizzazzjoni li x-xogħol in kwistjoni jkun twettaq fil-kuntest ta' relazzjoni ġuridika diretta bejn min iwettaq u l-benefiċjarju ta' natura kuntrattwali jew regolamentari.

88. Fit-tielet lok, naħseb li l-elementi msemmija fil-punt 36 tas-sentenza kkontestata u, b'mod partikolari ċ-ċirkustanza li l-kontroparti kienet tagħmel parti mill-organizzazzjoni tar-RPA u kellha l-itess status ta' l-impjegati l-oħrajn fis-servizz ta' din ir-RP, huma tali li jsostnu bis-sħiħ il-konklużjoni li tgħid li s-servizzi mwettqa, b'effett ta' l-applikazzjoni tat-tieni subinċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, huma servizzi mogħtija lir-Repubblika ta' l-Awstrija.

89. Il-fatt li l-kontroparti kienet fil-konkret wettqet l-attività tagħha għal organizzazzjonijiet mhux statali, li jaħdmu fi ħdan ir-RPA, xejn ma nneħħi r-rilevanza, għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni in eżami, tar-rabta ġuridika li nżammet mar-Repubblika ta' l-Awstrija, fil-kwalità tagħha, mistħarrġa mill-Qorti tal-Prim'Istanza, ta' membru tal-persunal tekniku u amministrattiv tar-RP ta' l-imsemmi Stat Membru [54]. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-organizzazzjoni interna ta' RP taqa' taħt id-diskrezzjoni ta' l-Istat Membru li minnu toriġina. Dan ta' l-aħħar għandu jagħżel l-organizzazzjonijiet maħtura li jagħmlu parti minnha u jidentifika l-interessi pubbliċi li għall-ħarsien tagħhom id-diversi organi li hemm fir-RP għandhom iwasslu fir-relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijiet Komunitarji.

90. Naqbel barra minn hekk mal-Qorti tal-Prim'Istanza meta ngħid li jekk jiġi impost fuq l-istituzzjonijiet Komunitarji, f'sitwazzjonijiet analogi għal dawk ta' din il-kawża, li jwettqu stħarriġ kumpless fuq in-natura tal-funzjonijiet partikolari mwettqa mill-impjegat fi ħdan RP jirrendi eċċessivament u inutilment diffiċli l-evalwazzjoni dwar jekk jeżistux il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a), ta' l-Anness VII tar-Regolamenti abbażi tal-kriterji oġġettivi u ta' applikazzjoni faċli.

91. Għandu jiġi rrilevat li, kuntrarjament għal dak li jidher li tistqarr il-kontoparti, is-

54 — F'din il-kwalità hemm fil-fehma tiegħi d-differenza fundamentali bejn is-sitwazzjoni tal-kontroparti u dik tar-rikorrenti fil-kawża Nevin vs Il-Kummissjoni, iċċitata aktrar 'il fuq, li għaliha tirreferi diversi drabi l-Kummissjoni fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha. Is-Sur Nevin, għalkemm kien suġġett għal poter ta' diskrezzjoni u ta' kontroll ta' l-istituzzjoni li fiha kien jaħdem ma kien qatt formalment jagħmel parti mill-persunal ta' din ta' l-aħħar u ma kellux l-istatus ta' impjegat ta' din l-istituzzjoni b'applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tar-Regolamenti jew ta' testi oħrajn li jirregolaw ir-relazzjonijiet ta' impjieg fi ħdan l-istitutzzjonijiet Komunitarji.

soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Prim'Istanza bl-ebda mod ma tikkuntrasta mar-*ratio legis* tan-norma in eżami li minnha, kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet magħmula qabel, kemm jekk jitqies li din ir-*ratio legis* qegħda essenzjalment f'li jiġi evitat li jiġu ppenalizzati persuni li jinsabu fis-sitwazzjonijiet deskritti minn din in-norma, kif ukoll jekk jiġi stabbilit li hija għandha tinstab f'xorta ta' privileġġ favur Stati u organizzazzjonijiet internazzjonali.

92. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha li saru qabel, nipproponi għalhekk lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell.

VII — Fuq l-ispejjeż

93. Skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 122 tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell m'huwiex fondat il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. Skond l-Artikolu 69(2) ta' l-istess Regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba.

94. Peress li qed nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appell u peress li l-kontroparti talbet li l-Kummissjoni tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, jidhrli li l-ispejjeż għandha tbatihom din ta' l-aħħar.

VIII — Konklużjonijiet

95. Fid-dawl ta' dak li ntqal qabel, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li:

"L-appell huwa miċħud

Il-Kummissjoni hija kkundannata tbati l-ispejjeż."